



TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0251

Il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija)

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2025 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija) (09474/1/2025 - C10-0229/2025 - 2023/0232(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (09474/1/2025 - C10-0229/2025),
- wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mill-Ewwel Kamra tan-Netherlands u mit-Tieni Kamra tan-Netherlands, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2023¹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tad-19 ta' Ġunju 2024²,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari³ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0416),

¹ ĠU C, C/2024/887, 6.2.2024, ELI:
<http://data.europa.eu/eli/C/2024/887/oj>.

² ĠU C, C/2024/5371, 17.9.2024, ELI:
<http://data.europa.eu/eli/C/2024/5371/oj>.

³ ĠU C, C/2025/1312, 13.3.2025, ELI:
<http://data.europa.eu/eli/C/2025/1312/oj>.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (A10-0204/2025),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.